MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 34/2010

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Avviz Nru: 34/2010 FDP**
**Fl-ismijiet:**

**Mobisle Communications Limited**
**(C 24655)**

**vs**

**Justine Zammit**
**(ID 521984 M)**

**Il-Qorti**

Rat l-avvizipprezentat fil-5 ta' Frar 2010 fejn is-socjeta rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' seba' t'elef, tlett mija u tmien euro u seba u sittin centezmu (€7,308.67), liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-intimata lis-socjeta rikorrenti in kwantu ghal servizzi rezi lilha mill-istess socjeta rikorrenti fis-snin ta' bejn 2007 u 2009, u dana abbazi ta' kuntratt iffirmat mill-istess intimata, Kuntratt Nru 437675.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dana l-att,  u bl-imghaxijiet kontra l-intimata.

Rat illi fl-14 ta' Ottubru 2011, wara illi l-intimata kienet giet notifikata fit-30 ta' Marzu 2012 (tergo Fol 10), gie ipprezentat kapitolu ghas-subizzjoni u, sussegwentement, fl-istess seduta, dehret l-istess intimata illi gharrfet lill-Qorti illi riedet tqabbad Avukat ta' l-Ghajnuna Legali u riedet tikkontesta l-kawza.

Rat illi fl-10 ta' Novembru 2011, gew ipprezentati l-eccezzjonijiet ta' l-intimata illi laqghet ghat-talbiet attrici billi eccepiet:-

1. Illi l-avviz huwa null stante  billi ma gietx specifikata l-Qorti illi fih gie pprezentat;

2. Illi, t-talba hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2148 (f) tal-Kap 16, ossija bil-perjodu ta' tmintax-il xahar;

3. Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-ammont reklamat m'huwiex realment dovut mill-esponenti stante illi hija ma kienetx responsabbli ghat-telefonati illi saru minn fuq it-telefon cellulari taghha.

Rat illi fis-26 ta' Marzu 2012, gew imnehhija minn fuq il-formula ta’ l-Avviz il-kliem "Qorti tal-Magistrati (Ghawdex), u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni ma baqghetx applikabbli.

Rat ix-xhieda ta' Simone Ellul illi inghatat fis-26 ta' Marzu 2012 u fit-12 ta' Lulju 2012.

Rat illi fis-26 ta' Marzu 2012, fl-14 ta' Mejju 2012 u fit-12 ta' Lulju 2012, ghalkemm il-kawza giet differita ghall-provi kollha tal-partijiet, l-intimata qatt ma deheret il-Qorti u qatt ma pprezentat il-provi taghha.

Rat illi, fit-12 ta' Lulju 2012, in vista ta’ l-assenza ripetuta ta’ l-intimata u in vista tal-fatt illi ebda provi ma qatt gew ipprezentati minnha, il-provi ta’ l-intimata gew dikjarati maghluqa u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Fatti**

Jirrizulta mid-dokument esebit mis-socjeta rikorrenti bhala Dok SE1, illi fit-28 ta' Jannar 2009, l-intimata iffirmat kuntratt mas-socjeta rikorrenti, kuntratt Nru 4809 li ghandu Kont Nru 437675, liema kuntratt kien ghal servizz telefoniku ta' mobile, u l-mobile number kien 79211084.

Jirrizulta illi minn meta hadet is-servizz, l-intimata qatt ma hallset il-kont ghas-servizz lilha moghti, u jirrizulta illi, f'xahar minnhom, tellghet kont ta' ftit anqas minn seba’ t’elef Euro (€7,000) bir-rizultat illi sa l-ahhar ta' April 2009, il-kont taghha kien ta' seba’ t’elef, tlett mija u tmien Euro, u sebgha u sittin centezmu (€7,308.67).

Peress illi l-intimata naqqset milli tipprezenta x’ tip ta' prova biex tikkuntrarja dak stabbilit mill-kontijiet imressqa mis-socjeta rikorrenti, il-Qorti tqis illi bhala fatti, il-kaz gie ippruvat.

**Ikkunsidrat**

L-intimata, biex tilqa’ ghat-talba maghmulha, ghamlet tlett eccezzjonijiet.

Dwar l-ewwel eccezzjoni, tali ilment, ghalkemm frivolu u vessatorju, gie korrett mis-socjeta rikorrenti, ghalkemm ma kienx hemm il-htiega peress illi l-Qorti kienet taf illi tali att gie ipprezentat quddiemha u mhux quddiem il-Qorti Ghawdxija.

Dwar it-tieni eccezzjoni, il-Qorti tinnota li l-Artikolu 2148 (f) jipprovdi ghall-perjodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar izda dana japplika ghall-"kera ta' hwejjeg mobbli". Fil-kaz odjern huwa car illi ma hemmx kwistjoni ta' kera ta' hwejjeg mobbli, izda hawn kwistjoni ta' azzjoni ghall-hlas ta' kreditu rizultanti minn operazzjoni kummercjali, illi ghaliha japplika il-perjodu prekrittiv ta'  hames snin - ghalhekk it-tieni eccezzjoni ma tirrizultax.

Dwar it-tielet eccezzjoni, l-intimata tghid illi l-ammont mhux dovut peress illi hija ma kienetx responsabbli ghat-telefonati illi saru minn fuq it-telefon cellulari taghha. Mid-dokumenti ipprezentati jirrizulta illi l-kontijiet kollha jirrigwardaw telefonati illi saru minn numru tat-telefon ta’ l-intimata. Jekk it-telefon attwalment kienx fil-pussess reali tal-intimata jew le meta saru it-telefonati barra minn Malta, dik hija kwistjoni illi messha hadet hsieb l-intimata stess. Hija responsabbilta' ta’ l-intimata illi tiehu hsieb li ma jsirux telefonati li eventwalment itellghu kont stratosferiku illi attwalment sehh, u jekk ma kienetx kapaci tiehu hsieb l-affarijiet taghha, certament mhix ser tkun il-Qorti illi taccetta argument bhal dak minnha imressaq.

**Konkluzjoni**

**Il-Qorti**

Wara illi rat il-provi kollha pprezentati u wara illi rat id-dokumentazzjoni kollha relattiva.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi

Tichad l-eccezzjonijiet kollha imressqa mill-intimata u

Tilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u

Tikkundanna lill-intimata Justine Zammit thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' seba’ t’ elef, tlett mija u tmien euro u seba’ u sittin centezmu (€7,308.67) fl-imkien ma’ l-ispejjez kollha a karigu ta’ l-istess intimata kif rikjesti u l-imghax legali dekorribbli mid-data tal-pprezentata ta’ l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------